

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

12.2.2007

0020/2007

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Gianni Pittella, Lapo Pistelli, Luciana Sbarbati, Lilli Gruber, Claudio Fava

dwar l-Isport u l-Vjolenza

Data ta' skadenza: 14.5.2007

0020/2007

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-Ispport u l-Vjolenza

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-ġlied vjolenti bejn gruppi ta' partitarji organizzati u pulizija f'Catania fit-3 ta' Frar 2007, wassal għall-mewt ta' l-ispettur tal-pulizija Filippo Raciti,
- B. billi dan il-fenomenu qed jirrepeti ruħu u qed jinfirex f'ħafna Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea,
- C. wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet imfassla mill-Evalwazzjoni Indipendenti dwar l-Ispport Ewropew, promossa mill-Presidenza Brittannika u ppubblikati fl-2006,
 1. Jikkundanna b'mod ferm kull att organizzat ta' vjolenza u vandaliżmu u jerġa' jafferma b'qawwa l-irwol soċjali u kulturali tal-futbol u ta' l-isport kollu, bħala strumenti ta' inklużjoni soċjali, ta' solidarjetà, għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, u ta' żvilupp kulturali;
 2. Iħeġġeġ b'urġenza lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill biex jaġixxu f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-assoċjazzjonijiet Ewropej tal-futbol, b'mod partikulari l-UEFA, sabiex jittfasslu miżuri komuni għall-prevenzjoni u r-ripresjoni tar-reati ta' vandaliżmu u ta' vjolenza fl-isport, anke permezz ta' koperazzjoni mill-qrib bejn il-ġudikatura u l-pulizija, u sabiex ikun appoġġjat l-iskambju ta' l-aħjar prattiki bejn il-pulizija, l-awtoritajiet nazzjonali u lokali u s-soċjetajiet sportivi għat-tħaris tas-sikurezza taċ-ċittadini waqt avvenimenti sportivi.
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Presidenza tal-UEFA u lill-Grupp ta' Ħidma Informali għall-Ispport.